**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 21 ta' Mejju 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 548 /2024 JPG**

**Kawza nru.: 18**

**RP**

**Vs**

**JP**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' RP datat 1 ta' Novembru 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti izzewgu fl-21 t'Ottubru 2006 (Dok A) u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla wahda, AP, illi twieldet f'X;*
2. *Illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni* ppubblikat *nhar l-4 ta' Frar 2016 fl-atti tan-nutar Marco Farrugia (Dok B);*
3. *Illi l-partijiet ilhom jghixu mhux flimkien mis-separazzjoni taghhom.*
4. *Illi m'hemmx arretrati ta' manteniment ta' manteniment* dovut *ghat-tfal tal-partijiet;*
5. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;*
6. *Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta* huma sodisfatti *u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, mhuwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;*

7. *Illi l-esponent qieghed jannetti l-affidavit tieghu ma dan l-att (Dok C).*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi, a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa s-smiegh tal- partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabilita l-esistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-risposta guramentata ta' JP datat 16 ta' Dicembru 2024, a fol 10 li taqra hekk:

1. *Illi huwa minnu li l-partijiet izzewgu fil-21 t' Ottubru 2006 u li sseparaw permezz tal-kuntratt tas-separazzjoni fl-4 ta' Frar 2016 fl-atti tan-nutar Dr Marco Farrugia.*
2. *Illi huma ghandhom tifla wahda AP li twieldet f'X u llum ghandha X -il sena.*
3. *Illi zewgha qed jitlob lill-Onorabbli Qorti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet.*
4. *Illi hija topponi ghat-talba tieghu ai termini tal-artiklu 66B (d) u tal-artiklu 66D (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*
5. *Illi ai termini tal-kuntratt tas-separazzjoni tal-partijiet, huwa jhallas manteniment ghat-tifla, liema manteniment hu obbligat ihallsu awmentat kull sena skond l-gholi tal-hajja.*
6. *Illi nonostante li gie interpellat b'ittra legali sabiex ihallas dak dovut minnu, huwa fadallu jhallas iz-zieda tal-manteniment minn Frar 2024.*
7. *Inoltre huwa baqa' jaghmlilha hajjitha difficli u jirrifjuta li jhallas sehmu mill-ispejjez tal-privat tat-tifla, liema spejjez huma importanti ghall-edukazzjoni tat-tifla. Ghaldaqstant, hu mhux qed jonora l-obbligi assunti minnu fuq il-kuntratt u ghalhekk hemm kwistjonijiet u pendenzi bejniethom*

*ta' manteniment u spejjez tal-edukazzjoni.*

8. *Illi hu qed jitlob li l-Qorti tippronunzja d-divorzju, sabiex jkun jista' jizzewweg lil gharusa tieghu li tghix barra minn Malta u hu jmur jghix barra minn Malta maghha. Ghaldaqstant ikun aktar difficli ghaliha li tikseb il-hlas tal-manteniment ghat-tifla.*
9. *Illi f'kaz li t-talba tieghu tintlaqa' hija umilment tixtieq il-provvedimenti mill-Qorti sabiex hu jhallas il-manteniment u l-ispejjez tal-privat tat-tifla u dan aii termini tal- artiklu 66 I (3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*
10. *Illi hi topponi ghall-ispejjez u umilment tirrilleva illi l-ispejjez tal-proceduri odjerni ghandhom jithallsu minnu.*

Rat in-nota tal-intimata datata 12 ta' Frar 2024 vide fol 13 fejn iddikjarat li kien hemm arretrati ta' manteniment;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed (**vide affidavit a fol 7 **.)** illi il-kontendenti izzewgu nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla, illi ghadha minorenni. Xehed illi il-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali nhar l- erbgha (4) ta' Frar fis-sena elfejn u sittax (2016) fl-atti tan-Nutar Dr. Marco Farrguia. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimata** xehdet (vide affidavit **a fol 14 et seqq.**) u kkonfermat u korroborat ix-xhieda ta' zewgha u irtirat l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' hlas ta' manteniment ghal bintha da parti tal-attur stante li fil-mori tal-kawza thallsu il-pendenzi u arretrati dovuti.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob***

*id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.*

*(… omissis)*

*66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*
*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*
*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*
*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*
*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*
*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*
*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*
*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*
*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-*

***liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) liema zwieg jgib certifikat numru 1990/2006 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 2). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla, li ghadha minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Farrugia nhar l-4 ta' Frar 2016 (Vide fol 3 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw, wara li sar l-hlas ta' arretrati ta' manteniment u hlas ta' spejjes ta' sahha u edukazzjoni tat-tifla tal-kontendenti fil-mori tal-kawza, illi ma ghadx hemm pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1990/2006 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**